

EMA/381493/2022  
EMEA/H/C/005760

## Sugammadex Fresenius Kabi (*sugammadex*)

Ħarsa ġenerali lejn Sugammadex Fresenius Kabi u għalfejn huwa awtorizzat fl-UE

### X'inhu Sugammadex Fresenius Kabi u għal xiex jintuża?

Sugammadex Fresenius Kabi huwa mediciċina użata biex tregħja' lura l-effett tar-rilassanti muskolari rocuronium u vecuronium. Ir-rilassanti muskolari huma mediciċini li jintużaw matul ġerti tipi ta' operazzjonijiet biex jirrilassaw il-muskoli, inklużi l-muskoli li jgħinu lill-pazjent jieħu n-nifs. Ir-rilassanti muskolari jgħinu l-kirurgu jaġħmel l-operazzjoni b'mod iż-żejt faċili. Sugammadex Fresenius Kabi jintuża biex iħaffef l-irkupru mir-rilassant muskolari, normalment fi tmiem l-operazzjoni.

Sugammadex Fresenius Kabi jista' jintuża f'adulti li jkunu rċevew rocuronium u vecuronium, u fi tfal ta' sentejn jew aktar li jkunu rċevew rocuronium.

Sugammadex Fresenius Kabi fih is-sustanza attiva sugammadex u huwa "mediciċina ġenerika". Dan ifisser li Sugammadex Fresenius Kabi fih l-istess sustanza attiva u jaħdem bl-istess mod bħal "mediciċina ta' referenza" diġà awtorizzata fl-UE li jisimha Bridion. Għal aktar informazzjoni dwar il-mediciċini ġeneriċi, ara d-dokument mistoqsijiet-u-tweġibet [hawnhekk](#).

### Kif jintuża Sugammadex Fresenius Kabi?

Sugammadex Fresenius Kabi jista' jinkiseb biss b'rċetta tat-tabib. Jingħata minn jew taħt is-superviżjoni ta' anestetista (tabib speċjalizzat fl-anestesija). Sugammadex Fresenius Kabi jingħata ġo vina bħala injezzjoni "bolus" waħda (jingħata kollu f'daqqa). Id-doża tiddependi mill-piż tal-ġisem tal-pazjent u minn kemm ir-rilassant muskolari jkun qed jaffettwa l-muskoli.

Għal aktar informazzjoni dwar l-użu ta' Sugammadex Fresenius Kabi, ara l-fuljett ta' tagħrif jew ikkuntattja lit-tabib jew lill-ispiżjar tiegħek.

### Kif jaħdem Sugammadex Fresenius Kabi?

Is-sustanza attiva f'Sugammadex Fresenius Kabi, is-sugammadex, hija "aġġent leganti rilassant selettiv". Dan ifisser li din teħel mar-rilassanti muskolari rocuronium u vecuronium u tifforma "kumpless" li jiddiżżattiva r-rilassanti muskolari u jwaqqfilhom l-effett. B'rīzultat ta' dan, il-muskoli jinġibdu u jibdew jaħdmu mill-ġdid b'mod normali, inkluż il-muskoli li jgħinu lill-pazjent jieħu n-nifs.

---

**Official address** Domenico Scarlattilaan 6 • 1083 HS Amsterdam • The Netherlands

**Address for visits and deliveries** Refer to [www.ema.europa.eu/how-to-find-us](http://www.ema.europa.eu/how-to-find-us)

**Send us a question** Go to [www.ema.europa.eu/contact](http://www.ema.europa.eu/contact) **Telephone** +31 (0)88 781 6000

An agency of the European Union



## **Kif ġie studjat Sugammadex Fresenius Kabi?**

Studji dwar il-benefiċċi u r-riskji tas-sustanza attiva fl-użu awtorizzat diġà twettqu bil-mediċina ta' referenza, Bridion, u m'għandhomx għalfejn jiġu ripetuti għal Sugammadex Fresenius Kabi.

Bħal fil-każ ta' kull mediċina, il-kumpanija pprovdiet *data* dwar il-kwalità ta' Sugammadex Fresenius Kabi. Ma kienx hemm bżonn ta' studji ta' "bijoekwivalenza" biex jiġi investigat jekk Sugammadex Fresenius Kabi jiġix assorbit bl-istess mod bħall-mediċina ta' referenza biex jiġi prodott l-istess livell tas-sustanza attiva fid-demm. Dan minħabba li Sugammadex Fresenius Kabi jingħata permezz ta' injezzjoni ġo vina, u b'hekk is-sustanza attiva titwassal direttament fil-fluss tad-demm.

## **X'inhuma I-benefiċċi u r-riskji ta' Sugammadex Fresenius Kabi?**

Minħabba li Sugammadex Fresenius Kabi huwa mediċina ġenerika, il-benefiċċi u r-riskji tiegħu huma meqjusin l-istess bħal dawk tal-mediċina ta' referenza.

## **Għaliex Sugammadex Fresenius Kabi ġie awtorizzat fl-UE?**

L-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini kkonkludiet li, b'mod konformi mar-rekwiżiti tal-UE, Sugammadex Fresenius Kabi wera li huwa komparabbi ma' Bridion. Għaldaqstant, l-opinjoni tal-Aġenzija kienet li, bħal fil-każ ta' Bridion, il-benefiċċi ta' Sugammadex Fresenius Kabi huma akbar mir-riskji identifikati u jista' jiġi awtorizzat għall-użu fl-UE.

## **X'miżuri qeqħdin jittieħdu biex jiġi żgurat l-użu sigur u effettiv ta' Sugammadex Fresenius Kabi?**

Fis-sommarju tal-karatteristiċi tal-prodott u fil-fuljett ta' tagħrif ġew inklużi ir-rakkmandazzjonijiet u l-prekawzjonijiet li għandhom ikunu segwiti mill-professjonisti fil-qasam tal-kura tas-saħħha u mill-pazjenti għal użu sigur u effettiv ta' Sugammadex Fresenius Kabi.

Bħal fil-każ tal-mediċini kollha, id-data dwar l-użu ta' Sugammadex Fresenius Kabi hija ssorveljata kontinwament. L-effetti sekondarji ssuspettati b'Sugammadex Fresenius Kabi huma evalwati bir-reqqa u kull azzjoni meħtieġa hi meħuda biex il-pazjenti jiġu protetti.

## **Informazzjoni oħra dwar Sugammadex Fresenius Kabi**

Aktar informazzjoni dwar Sugammadex Fresenius Kabi tinstab fis-sit web tal-Aġenzija: [ema.europa.eu/medicines/human/EPAR/sugammadex-fresenius-kabi](http://ema.europa.eu/medicines/human/EPAR/sugammadex-fresenius-kabi). Informazzjoni dwar il-mediċina ta' referenza tinstab ukoll fis-sit web tal-Aġenzija.